Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Mejju 2016
(OR. en)

8467/16

CO EUR-PREP 18

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kunsill Ewropew (28-29 ta' Ġunju 2016) - Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li jkollu l-Presidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentat mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

o

o o

I. MIGRAZZJONI

Fil-kuntest tal-istrateġija komprensiva tiegħu, il-Kunsill Ewropew ser jeżamina s-sitwazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha. B'mod partikolari, ser jikkunsidra t-tħaddim tal-aspetti esterni tal-migrazzjoni, jevalwa l-progress fit-tisħiħ tal-fruntieri esterni tal-UE, u jieħu kont tal-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016.

II. IMPJIEGI, TKABBIR U INVESTIMENT

Il-Kunsill Ewropew ser:

- japprova r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u jikkonkludi s-Semestru Ewropew għall-2016;
- jevalwa l-ewwel riżultati tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) skont il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u minnhom joħroġ konklużjonijiet operattivi għall-futur tiegħu;
- japprova aġenda għall-implimentazzjoni tal-aspetti kollha tas-Suq Uniku bil-ħsieb li jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal mhux mimsus tiegħu għat-tkabbir u l-produttività;
- jindirizza l-kwistjoni tat-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja;
- u jieħu kont tal-azzjoni li qed issir biex tiġġieled il-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ħasil tal-flus.

III. RELAZZJONIJIET BARRANIN

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO bi tħejjija għas-Summit tan-NATO f'Varsavja.

Fid-dawl tal-avvenimenti, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi oħra ta' politika barranija.

IV. EŻITU TAR-REFERENDUM FIR-RENJU UNIT

p.m.